*Il-Mosta kien wieħed mill-villaġġi Maltin li tat spinta qawwija fil-bini tad-djar, u sehem in-nisa Mostin għas-soqfa, kien meħtieġ ferm. L-aktar li kienu jinsabu dawn in-nisa kien f'dik magħrufa bħala 'il-ħora ta' Dorninu'. Hekk iwasslilna Charles B. Spiteri fil-ktieb tiegħu 'Tifkiriet u Xogħol tal-Imgħoddi'.*

# Ix-xogħol fis-soqfa tad-djar antiki



Kitba ta' Charles B. SPITERI

Illum il-ġurnata mhix ħaġa kbira li ssib nisa li jagħtu xogħolhom fil-bini tad-dar tagħhom jew inkella ssib oħrajn li jtemmu kors ta' studju u jsiru periti b'mod li jkunu kappaċi jippjantaw dar. Iżda fl-antik kien ikun hawn nisa, li mingħajr ma jkunu periti u mingħajr ma jaħdmu għad-dar tagħhom infushom, kienu jagħmlu xogħol meħtieġ fil-bjut. Dan ix-xogħol kien magħruf u mfittex sew fil-Mosta.

Qed nirreferi għall-ballata. Ġeneralment dawn kienu jkunu nisa li joqogħdu f'villaġġi fejn la jkun hemm sajd u lanqas agrikultura. Għalhekk kienu jsibu xi xogħol ieħor biex jaqilgħu l-flus.

Ix-xogħol tal-ballata beda jinqata' ma' tmiem it-tieni gwerra dinjija, meta beda dieħel il-konkrit bil-mod il-mod. Madankollu, wara t-tieni gwerra u meta saret xi tiswija ta' postijiet li ntlaqtu bil-bombi, din saret bl-istess materjal li kien użat qabel u għalhekk traqqa' x-xogħol mill-ballata nfushom.

L-aktar villaġġi li minnhom kienu joħorġu nisa jagħmlu x-xogħol tal-ballati kienu l-Mosta, ir-Rabat, Ħal Tarxien u n-Naxxar. Fil-Mosta hawn parti magħrufa ħafna għalihom u jsibuha bħala 'Il-ħora ta' Durninu'.

Meta fl-antik kienet tinbena dar, il-ħitan kienu jsiru doppji, għax kienu jinħadmu bid-dobblu. Ġeneralment dan id-dobblu kien jikkonsisti f'filati tal-ġebel u flok tajn kienu jintużaw ħamrija u ilma. Imbagħad xi żewġ piedi u nofs 'il bogħod minn dan il-ħajt bil-filati ta' ġebel xejn dritt, kienu jitilgħu filati għall-istess ħajt u bejniethom kienu jinxteħtu bċejjeċ tal-ġebel imdaqqsin, ħamrija, ilma u kulma jinstab ta' bla użu. Maż-żmien, id-dobblu beda jinqata'.

Għas-soqfa tad-djar antiki kienu jintużaw it-travi tal-injam min-naħa għall-oħra u l-imgħallem inkarigat biex jagħmel il-bjut kien l-ewwel nett jagħti daqqa ta' għajn sewwa lit-travi biex jara li jkollhom qabda tajba u li jifilħu għall-piż tal-bejt.

Imbagħad jara t-tqegħid tax-xorok u jekk ikunux ingulmati sew skont is-sengħa. Kull xriek kien ikun irid iross ma' ta' ħdejh u dawk tan-naħa ta' barra jkunu ingaljati sew fil-ħajt. Barra minn hekk l-imgħallem kien jistaqsi lill-bennej jew lil-lavrant jekk hemmx xi xriek li għandu 'brama muta' (jew brama lixxa) u jekk il-lavrant, meta naġar ix-xorok, daqqhomx tajjeb biċ-ċomb biex jassigura ruħu li m'għandhomx brajjem tali. Nuqqas ta' attenzjoni fuq dan li għedna hawn, jista' jirriżulta f'diżgrazzji kbar, mhux biss ta' ħsara lill-bini, iżda wkoll li jmutu n-nies, l-aktar il-ballati.

Meta jitlesta dan ix-xogħol sew, jitqiegħed is-saff tal-psisa. Dan kien ikun xaħx irqiq u jitqiegħed xott. L-għoli ta' dan is-saff hu ta' madwar tliet pulzieri, iżda fejn jiżdied u fejn jitnaqqas, biex jingħata l-pendil meħtieġ lill-bjut. Wara, il-psisa kienet tixxarrab, preferibbilment b'bexxiexa, biex l-ilma jitferrex uniformament u bla ma titħarrek is-sodda tal-psisa.

Fuq il-psisa kien jitqiegħed saff ieħor ta' torba. It-torba kienet tkun xaħx aktar fin mill-psisa u titqiegħed niedja.



Il-marżebba kienet biċċa għuda b'manku u qiegħ ċatt. Biha kienu jballtu b'daqqiet uniformi biex it-torba u s-saqaf ikunu kumpressati b'mod li kullimkien jimtela xorta waħda.



Il-kazzola li l-ballata kienu jużaw għall-'mogħdija' biex iġibu s-saqaf tal-bejt lixx kemm jista' jkun.

Dan għax kienet tixxarrab qabel ma titpoġġa u l-ħxuna tas-saff tagħha kien ikun ta' madwar erba' pulzieri.

Hawnhekk kienu jidħlu n-nisa ballata. Kienu jkunu gruppi ta' bejn erbgħa u sitta u jibdew il-ġurnata tax-xogħol tagħhom f'xi s-sebgħa ta' filgħodu u jtemmuha fl-'Ave Marija', għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija. Għax-xogħol kienu jmorru bil-mixi u magħhom jieħdu xi forma ta' għata għar-ras biex tevitalhom ix-xemx.

L-aktar popolari kien ikun maktur marbut bl-għoqiedi fit-truf, bħalma għadna naraw milbus minn ħafna bennejja tal-ġebel. Kien ikun hemm oħrajn li jippreferu kappell tat-tiben minsuġ bħalma kienu jinħadmu l-ġwielaq.

Fix-xogħol tagħhom, il-ballata kien ikollhom biċċtejn għodda. Il-marżebba u l-kazzola. Kienu jġorru wkoll banketta ċkejkna biex meta jballtu jkunu jistgħu joqogħdu bilqiegħda fuqha. Il-marżebba kienet tkun għuda b'manku u qiegħ ċatt. Biha kienu jballtu b'daqqiet uniformi biex it-torba u s-saqaf ta' taħtha jkunu kumpressati b'mod li kullimkien jimtela xorta waħda. L-imgħallem joqgħod attent għall-pendil u jekk hemm bżonn jixxarrab fejn ikunu qegħdin iballtu l-ballata skont il-kriterju tiegħu.

Meta jidhirlu li t-tballit ikun biżżejjed, iħares biex jara hemmx xi ħofra forsi żgħira u forsi le, li tħassar is-superfiċji tat-torba. Jekk isib xi ħofra jirranġaha bil-ħalib tal-ġir sakemm tiġi sew. Imbagħad jingħata dak li kienu jgħidulu l-'proviżjon'.

Dan kien jikkonsisti minn taħlita ta' ġir abjad u deffun, imħalltin tajjeb bl-ilma sa ma tiġi qisha krema maħlula. Kien jintuża ġir abjad għax l-iswed seta' jkollu frak jew trietaq tal-faħam u dan ikun ta' dannu għal xogħol tajjeb tal-bjut.

Il-ħxuna ta' dan is-saff ta' proviżjon kien ikun ta' madwar tliet kwarti ta' pulzier u meta jkun imxerred b'mod indaqs kullimkien, tinxteħet raxxa deffun.

Id-deffun kien ikun fuħħar imfarrak u mtertaq. Il-qsari, il-konok, il-borom ta' Franza, il-katusi u dawk l-affarijiet magħmulin minn tafal moħmi, kienu jgħoddu biex isir id-deffun.

Hekk kif l-imgħallem jixħet raxxa deffun, in-nisa jkunu pronti jballtuh ġol-proviżjon. Bħala regola, l-imgħallem kien jagħti tliet raxxiet deffun. Is-saff ta' deffun oħxon



Kienu jingħataw tliet mogħdijiet: l-ewwel waħda tibda minn fuq u tinżel għad-direzzjoni tas-sieqja; it-tieni minn ġenb għal ġenb tal-bejt u t-tielet bħall-ewwel waħda, minn fuq għal isfel.

minn kwart ta' pulzier sa nofs pulzier, kien jifforma qoxra fuq il-bejt kollu, qoxra li tkun '*water-proof*'.

Meta l-bejt ikollu '*floating surface*' tad-deffun u bix-xogħol tal-marżebba jkun kumpressat tajjeb fis-saqaf ta' taħtu, l-imgħallem kien jiddeċiedi li jsir ix-xogħol bil-kazzola. Dan ix-xogħol kien magħruf bħala 'l-mogħdija'. In-nisa ballata, flok iballtu bil-marżebba kienu jużaw il-kazzoli tagħhom u jġibu s-saqaf tal-bejt lixx kemm jista' jkun.

Biex ix-xogħol ikun tajjeb, dejjem kienu jingħataw tliet mogħdijiet: l-ewwel waħda tibda minn fuq (l-ogħla parti) u tinżel għad-direzzjoni tas-sieqja; it-tieni mogħdija minn ġenb għal ġenb tal-bejt u t-tielet bħall-ewwel waħda, minn fuq għal isfel. Peress li l-mogħdija hi l-qofol tal-bjut, dejjem kien iqiegħed lill-aħjar mara li jkollu fin-naħa tal-ħitan, biex kemm jista' jkun jassigura ruħu li l-bejt ma jxiegħerx.

Wara li l-bejt ikun lest, dejjem kien jitgħatta bit-tiben biex ix-xemx ma tiblax l-umdità tal-bjut u b'daqstant jixxaqqaq minn kullimkien. Lanqas ma ssir l-evaporazzjoni tal-ilma li jkun hemm fil-ħxuna tal-bejt: id-deffun, it-torba, il-psisa u x-xorok.

Meta x-xogħol kien isir fix-xhur tas-sħana, l-imgħallem mhux biss kien jgħatti l-bjut bit-tiben, iżda jxarrab tajjeb it-tiben perjodikament biex jassigura li l-evaporazzjoni ssir bil-mod il-mod.

Meta x-xogħol ta' bejt kien ikun lest, il-ballata jerġgħu jissejħu għal xi xogħol x'imkien ieħor. Dawn, waqt ix-xogħol tagħhom kienu joqogħdu jparlaw fuq dak, dik u l-oħra. Drabi oħra kienu jibdew xi għanja, li kien ikollha l-istess temp tal-ħoss tat-tballit. Din l-għanja tagħhom ħadet l-isem ta' 'Is-sinfonija tal-ballata'.

Skont ma rrakkuntali raġel li jiftakar sew ix-xogħol u anki kien jaħdem bħala bennej, mhux darba u tnejn kienu jirrabjaw ma' xi mara li kienet tagħmel l-urina fuq is-saqaf waqt li taħdem. Dan minħabba li meta jiġri hekk, id-deffun kien jixxaqqaq. Ħażin aktar minn hekk kien ikun meta allaħares qatt mad-deffun jew taħtu kienet taqa' xi żerriegħa tal-ħarrub. Jekk jiġri dan, ħoll xagħrek u ġib iż-żejt.

B'hekk rajna li xogħol in-nisa fl-antik, għall-bini tad-djar kien meħtieġ. Skont ma sirt naf, minn ballata li għadhom ħajjin, u li kienu jaħdmu madwar 80 sena ilu, ġurnata xogħol kienet issir għal 2 xelini (24ċ. tal-ewro tallum)!



Waqt xogħolhom il-ballata kienu joqogħdu jparlaw fuq dak, dik u l-oħra, jew ikantaw xi għanja li jkollha l-istess temp tal-ħoss tat-tballit, u li ħadet l-isem ta' 'Is-sinfonija tal-ballata'.


Santa Marija 2012